# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45

Data tal-laqgħa: 12 ta' Diċembru, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar It-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci 6.15p.m. |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Mark Azzopardi |
| Skużati | Carl Grech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. billi ntqalet it-talba. Is-Sindku sellem il-memorja tal-eks-Kunsillier is-Sur Joseph Mifsud li serva fil-Kunsill Lokali tal-Għargħur għal diversi snin.

**45/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**45/01/01** Is-Sindku qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li Sur Grech għandu jiġi skużat.

**45/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 44**

**45/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**45/02/02** **Para 44/02/03:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand is-Sur Carlo Mifsud (CEO) fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija u fuq it-Torri tas-Semaforu sabiex ikun jista' jinkera ħalli jintuża għall-esibizzjonijiet.

**45/02/03** **Para 44/02/05:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, is-Sindku spjega li l-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat peress li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet konċernati.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**45/02/04** **Para 44/02/10:** Is-Sindku reġa' bgħat *reminder* fuq x'ħa jiġri mill-ground tax-Xwieki.

**45/02/05** **Para 44/02/11:** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li x-xogħol fuq il-*Victoria Lines* għadu pendenti.

**45/02/06** **Para 44/02/12:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, għadna qed nistennew il-*works order*.

**45/02/07** **Para 44/02/15:** Fuq il-proposta li Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Birguma) issir *one-way* mis-6:00a.m.-9:00a.m, għandna nirċievu risposta mingħand Transport Malta.

**45/02/08** **Para 44/02/16:** Rigward is-sistema ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien, is-Sindku qal li għandna nġibu stimi mingħand dawk il-kumpaniji li jikru sistemi ta' *Traffic Lights* sabiex ikunu jistgħu jiġu instalati b'mod temporanju għal perjodu ta' prova.

**45/02/09** **Para 44/02/20:** Fuq it-talba biex fi Sqaq Rużarju jkun hemm bollard li jissakkar**,** is-Segretarju Eżekuttiv ġabet stima tax-xogħlijiet.

**45/02/10** **Para 44/02/22:** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri sabiex titranġa parti mill-bankina fi Sqaq iċ-Ċawl, għadna qed nistennew l-istima mingħand ir-Road Servicing Ltd.

**45/02/11** **Para 44/02/28:** L-Electrician tal-Kunsill għandu jibdel żewġ fanali wieħed fi Triq Mons L. Catania u l-ieħor fi Triq Ferdinand, kif ukoll itaqqab il-fanali l-ġodda, dan ix-xogħol għadu pendenti.

**45/02/12** **Para 44/02/35:** Fuq it-talba ta' Sur Carmelo Bezzina sabiex titranġa l-bankina fi Triq San Bartilmew (fin-niżla) għax l-ilma qed jitħolhom ġewwa. Is-Sindku qal li *site-visit* mal-Perit saret u li dan tal-aħħar talab xi informazzjoni lill-Perit ta' Sur Carmelo Bezzina.

**45/02/13** **Para 44/03/05:** Is-Sindku spjega li t-tabella tal-irħam ħa ssir mingħand Rabat Marbles. Barra minn hekk, ġie deċiż li t-tberik tal-Ġnien ta' Żagħruna ħa jsir mill-Kappillan nhar il-Ħadd, 14 ta' Jannar 2018 fil-11:30a.m.

**45/02/14** **Para 44/03/06:** Rigward il-kwistjoni tal-berġa ġie deċiż li nibagħtu ittra-e lil Onor. Dr Chris Fearne u nikkopjaw lis-Sur Scerri fejn nitolbu lil Dr Fearne sabiex jaġġornana b'dak kollu li jkun qed jiġri.

**45/02/15** **Para 44/03/07:** Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li min-naħa tagħna bgħatna l-petizzjoni tar-residenti ta' Gardenia Court (peress li qed jidħlilhom ħafna ilma fil-garaxxijiet) lil Lands.

**45/02/16** **Para 44/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana laqa' t-talba tal-Kunsill sabiex il-fondi ta' tarmac jintużaw sabiex isir *patching* fi Sqaq fi Triq San Ġwann.

**45/02/17** **Para 44/05/23:** Fuq it-talba biex isir *dog bin* fi Triq D. Farrugia jew fi Sqaq Warda l-Kunsill ma laqax din it-talba peress li ħadd mir-residenti ma ried id-*dog bin* wara biebu.

**45/02/18** **Para 44/05/33:** Fuq is-suġġeriment sabiex fi Triq San Ġwann, man-naħa ta' Torri tas-Semaforu sar-*road hump* isiru numru ta' *flexible bollards* sabiex jipproteġu lil min ikun qiegħed jimxi fil-ġenb ta' triq, Transport Malta talbu site-plan.

**45/02/19** **Para 44/05/38:** L-ikla tal-Milied ħa ssir nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar 2018 fis-7:30p.m.

**45/03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-*Draft Budget* 2018**

**45/03/01** Kemm id-Draft Budget 2018 kif ukoll ir-Rapport Amministrattiv ġew approvati. Ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali ssir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2017 fis-6:00p.m.

**45/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**45/04/01** Is-Sindku spjega li matul l-2018 il-Kunsill ħa jibda proġett ġdid mifrux fuq medda ta' snin fejn ħa jinxtraw numru ta' fanali ġodda peress li ħafna mill-fanali l-antiki spiċċaw. Barra minn hekk, is-Sur Aquilina qal li ser naraw nistawx nużaw mill-fondi tal-U.I.F.

**45/04/02** Is-Sindku qal li d-dawl tal-Milied tar-*roundabout* ta' ħdejn Triq Caravaggio ġie sabiħ u li xogħol ġie jiswa €230.

**45/04/03** Is-Sindku spjega li l-Party tal-Milied organizzat mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali sar u kien success.

**45/04/04** Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill il-kont tal-JGC playon Ltd għax-xogħol li għamlu fil-Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu li jiġi approvat.

**45/05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**45/05/01** Ma kienx hemm.

**45/06** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**45/06/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-Transport Malta li l-bord ta' *Reserved Parking for Persons with Disability* approva s-*shifting* ta' *Reserved Parking Bay* ta' Sur C. Borg minn 6, 'Joleen' Triq il-langas, Naxxar għal Flt 4, 'Sunrise Mansions', Vjal ir-Repubblika, Għargħur.

**45/06/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-Transport Malta Re: *Reserved Parking Bay* Ref: 5069. Il-Kunsill qabel li niktbu lis-Sur Silvio Scerri li ma naqblux li jitneħħa dan ir-*Reserved Parking Bay.*

**45/06/03** Il-Kunsill irċieva CIR AKL M004/2017 – Minuti tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Numru 52).

**45/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**45/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**45/06/06** Il-Kunsill irċieva stima ta' €571.73 mingħand ELC sabiex nixtru 4 Kola trees. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**45/06/07** Il-Kunsill irċieva stima ta' €100.30 mingħand is-Sur Mario Mallia sabiex teħel *bollard* bil-katnazz fi Sqaq Rużarju. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**45/06/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**45/06/09** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari 37/2017 – Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali – applikazzjonijiet għal żvilupp / xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni.

**45/06/10** Il-Kunsill irċieva CIR AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mill-Awtorità tas-Saħħa u Sigurità fuq il-post tax-xogħol. Il-multa hi ta' €250 u l-Kunsill ma qabilx u oġġezzjona.

**45/06/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Nick Callus sabiex isir *double yellow line* kemm quddiem il-bieb tad-dar tiegħu kif ukoll quddiem il-garaxx, il-Kunsill qabel li jsir *double yellow line* quddiem il-bieb tad-dar u kaxxa safra quddiem il-garaxx. Jekk ir-resident jaqbel jista ukoll isir double yellow line quddiem il-garage tieghu.

**45/06/12** Il-Kunsill irċieva stima mingħand l-Accountant ta' €750 għal *Updating of FAR and Treatment of Deferred Income and Non-Current Assets*. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**45/06/13** Fuq it-talba ta' Sinjura Marthese Mifsud sabiex fi Triq Caravaggio tiġi *one-way* apparti t-transport pubbliku – Il-Kunsill qabel li Triq Caravaggio ma tistax tiġi *one-way* minħabba diversi raġunijiet.

**45/06/14** Is-Sinjura Marthese Mifsud talbet li ssir shade mal-bozza għax id-dawl qiegħed jidħol fil-kamra tas-sodda – Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Sinjura Marthese Mifsud diment li jkun hemm qbil mas-sid tal-post ma' fejn ha tehel.

**45/06/15** Fuq it-talba ta' Sinjura Alison Borg sabiex isir *double yellow line* bejn il-garaxx u d-dar, fejn Nru 58, Triq Caravaggio – Il-Kunsill ma laqax it-talba ta' Sinjura Borg imma ħa ssir site-visit ħa naraw tistax issir kaxxa safra quddiem il-garaxx.

**45/06/16** Fuq is-suġġeriment ta' Sinjura Pauline Aquilina sabiex jerġgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-Pilates is-sena d-dieħla – Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Sinjura Pauline Aquilina.

**45/06/17** Fuq it-talba ta' Sur Paris Karagiannidis sabiex isiru aktar *parking spaces* fi Triq l-Indipendenza – Il-Kunsill qabel li mhemmx fejn isiru aktar *parking spaces.*

**45/06/18** Fuq it-talba ta' Sur Carmelo Aquilina sabiex titpoġġa mera fuq pole fit-tarf ta' Sqaq San Ġorġ – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li ma hemmx fejn teħel.

**45/06/19** Fuq it-talba għal mera ġdida fi Triq Santa Katerina fil-kantuniera ta' barra għax qdiemet – Il-Kunsill qabel li ssir.

**45/06/20** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Dun Karm Vella u Triq Għaxqet l-Għajn - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li hemm waħda fil-viċinanzi.

**45/06/21** Fuq it-talba ta' Sur Joe Mula sabiex il-pjazza issir *pedestrian friendly* – Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**45/06/22** Fuq it-talba ta' Bertu Spiteri sabiex teħel tabella 'Do Not Obstruct' fl-isqaq faċċata ta' Cent Anni fi Triq Mons L. Catania. Kien hemm qbil.

**45/06/23** Fuq it-talba ta' Sur Toni Borg (Każin tal-Banda) sabiex fis-Sajf ipoġġi xi żewġ umbrelel fuq il-bankina – il-Kunsill Lokali ma jsibx oggezzjoni. Is-Sid ser ikun infurmat li dan il-permess irid jingieb mill-MTA filwaqt li l-Kunsill Lokali ma jsibx oggezzjoni li dan il-permess jinghata.

**45/06/24** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Marco Buttigieg biex jitpoġġa *dog bin* fi Triq il-Kbira - il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**45/06/25** Fuq it-talba ta' Sur Marvin Cuschieri sabiex issir *bollard* fi Triq Fidiel Zarb – il-Kunsill qabel li nġibu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**45/06/26** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Farraday sabiex titpoġġa camera f' Misraħ il-Knisja k/m Triq Mons L Catania għax qed ikun hemm vandaliżmu fuq il-karozzi – il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**45/06/27** Fuq it-talba ta' Sur Keith Spiteri sabiex teħel bozza ma' arblu fi Sqaq il-Ħofra – il-Kunsill qabel li ssir.

**45/06/28** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li ssir *site-visit* ħdejn Tabor garaxx fi Triq San Ġwann sabiex naraw li l-kaxxa ta' quddiem il-garaxx qeda d-daqs li suppost. Is-Sur Fenech qal li fil-passat hu flimkien ma' SE kienu marru fuq il-post u sabu li l-kaxxa ta' quddiem il-garaxx qeda tajba.

**45/06/29** Is-Sindku qal li residenti ta' blokka ġdida fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu jridu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ipoġġu mera faċċata tal-blokka – il-Kunsill qabel li ssir u li jagħmlu tajjeb għaliha huma.

**45/06/30** Is-Sindku ressaq li ssir mera man-naħa tat-Tortru fi Triq Caravaggio – il-Kunsill qabel li ssir pero l-ewwel ser ssir site visit biex naraw fejn tista tehel.

**45/06/31** Is-Sur Mario Gauci ressaq li jsir *double yellow line* minn Bezzina Carpet fi Triq San Ġwann sa qabel jibda Sqaq il-Ħofra. Kien hemm qbil.

**45/06/32** Is-Sur Gauci ressaq li jsir *double yellow line* (metru) ħdejn il-*bus stop* u l-gate fi Triq San Ġwann, kien hemm qbil unanimu li jsir.

**45/06/33** Is-Sur Gauci ressaq ilment minn resident li ilmenta fuq Bus Stop fi Triq Stiefnu Zerafa. Dan il-Bus Stop kien tressaq minnhabba xoghol ta' kostruzzjoni li kien ghaddej. Ir-resident

ma jridx li dan il-Bus Stop jibqa quddiema. Gie deciz li ser nkellmu lill TM u ninfurmawhom li xoghol tlesta u bus stop jista jimxi.

**45/06/34** Is-Sur Mark Azzopardi talab li hemm bżonn iktar infurzar fi Triq Fidiel Zarb u kif ukoll qal li mhux qed jinġabar l-iskart ta' Dar il-Falkun li tinsab fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt mal-LESA rigward il-bżonn ta' iktar infurzar fi Triq Fidiel Zarb u ħa tinforma lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskar fuq l-ilment ta' Sinjura Pace.

**45/06/35** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex issir kaxxa safra quddiem 5 garaxxijiet fi Triq San Bartilmew, il-Kunsill qabel li ssir.

**45/06/36** Is-Sur Fenech ressaq li nixtru 5 tabelli '*Roundabout approaching*' għal Triq in-Naxxar, tabella b' '*Exclamation Mark*' għal Triq in-Naxxar, tabella '*Roundabout approaching*' għal Triq Caravaggio, tabella 'T' għal Triq Demetriju Farrugia u tabella 'T' għal Sqaq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**45/06/37** Is-Sur Fenech ressaq li nixtru 4 qsari (3) għal Ġnien il-Paċi u (1) għal Misraħ il-Knisja, kien hemm qbil unanimu li jinxtraw.

**45/06/38** Is-Sur Fenech qal li l-attività 'Wasal il-Milied' saret u kienet suċċess.

**45/06/39** Is Sur Fenech talab li niktbu lil Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex jirranġaw il-bankina ta' quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina, il-Kunsill qabel li ssir.

**45/06/40** Is-Sur Fenech ressaq li nżarmaw il-*billboard* li jinsab ħdejn ir-*roundabout* ta' Birguma bypass. Kien hemm qbil unanimu.

**45/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**45/07/01** Ma kienx hemm.

**45/08 Aġġudikazzjoni tat-*Tender for the Provision and Installation of Outdoor Gym Equipment in Ġnien il-Paċi, Ħal Għargħur***

**45/08/01** Fuq l-aġġudikazzjoni ta' Tender - *Tender for the Provision and Installation of Outdoor Gym Equipment in Ġnien il-Paċi, Ħal Għargħur,* il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil JGC playon Ltd. peress li r-rati tagħhom kienu l-aktar vantaġġjużi.

**45/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report***

**45/09/01** Il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2017 ġie approvat unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmawhom.

**45/10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**45/10/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha. Barra minn hekk, il-Kunsill approva wkoll li nħallsu €50 lil Parroċċa ta' San Bartilmew għal kiri tal-Knisja; €50 kull kor tas-servizz tagħhom; €125 lil J Mercieca Photography tar-ritratti kif ukoll €80 lil Agostino Xuereb tal-fjuri għal waqt l-attività 'Wasal il-Milied'.

**45/11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**45/11/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar 2018 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**